**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Gunju 2023**

Rikors Numru: 242/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1012/1985)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet iżżewwġu nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) fil-Knisja Parrokjali ta' Bormla, u dan kif jirriżulta miċ- ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dokument A.

2. Illi minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied: D B, illi twieled fis-sena 1985, u E B, illi twieled fis-sena 1986, u għalhekk it-tnejn li huma, huma magorenni u għandhom aktar minn tlieta u għoxrin (23) sena.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt datat is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, kopja annessa u mmarkata bħala Dokument B.

4. Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment.

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet peress illi huma ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998). In oltre, il-partijiet illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

7. Illi l-esponenti qiegħed jannetti l-affidavit tiegħu, ma dan ir-rikors, mmarkat Dokument C.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

A. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ tabejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

B. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jigi reġistrat fi-Registru Pubbliku

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta'Mejju 2023;

Semgħet lill-intimata prezenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti wieġbet li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mis-27 ta' Ottubru 1998;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;